MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2014

Rikors Numru. 382/2014

**AB**

**-vs-**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, wara li jippremetta :

Illi l-partijiet izzewgu fit-tmienja (8) ta’ Lulju tas-sena elf disgha mija u erbgha u disghin (1994) u dan skont ic-ceritifkat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala “Dokument A”;

Illi l-partijiet ilhom separati sa mis-sebgha u ghoxrin (27) ta’ Gunju tas-sena kurrenti u cioe is-sena elfejn u erbatax (2014) permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni personali li gie redatt fl-Atti tan-Nutar Liza Schembri hawn anness u mmarkat bhala “Dokument B”;

Illi kif jirrizulta mill-anness abbozz mmarkat bhala “Dokument B”, u senjatament il-klawsola li ggib in-numru tlieta (3) il-partijiet ilhom separati de facto mit-tlitea u ghoxrin (23) ta’ Awissu tas-sena elfejn u ghaxra (2010) u ghalhekk ilhom aktar minn erbgha (4) snin separati de facto;

Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn l-istess mizzewgin;

Illi skont l-istess kuntratt ir-ragel irrinunzja ghall-manteniemnt minghand il-mara, u dana skont il-klawsola li hi mmarkata bin-numru hamsa (5) u r-ragel obbliga ruhu li jghaddi lil mara s-somma mensili ta’ elfejn ewro (€2,000) kwantu ghall-mitejn ewro (€200) manteniment a favur il-mara u kwantu ghall-disgha mitt ewro (€900) ghall-kull wild f’manteniment u dan skont ma jipprovdi l-Artikolu mmarkat bin-numru sebgha (7) tal-istess kuntratt;

Illi ma hemm l-ebda arretrati ta’ manteniment dovuti;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kondizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg li gie ccelebrat nhar it-tmienja (8) ta' Lulju tas-sena elf disgha mija u erbgha u disghin (1994);
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta li giet konfermata bil-gurament mill-intimata, li permezz taghha teccepixxi :

Illi l-esponenti ma topponix ghat-talba maghmula mir-rikorrent zewgha ghal hall taz-zwieg taghhom u taqbel illi jikkonkorru l-elementi mahsuba fid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 66B kif korrettament senjalat mir-rikorrent fit-talba promotur tieghu;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-17 ta' Settembru 2014;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-27 ta’ Gunju 2014, izda ilhom separati de facto mit-23 ta’ Awissu 2010 u ghalhekk ghal aktar minn erbgha (4) snin;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------